MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 240/2014

**Hubert J. Spiteri (ID 161745M)**

**vs**

**Oswald J. Spiteri (ID 803549M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Hubert J. Spiteri datat 25 ta' Marzu 2014, fejn espona: -

Illi l-esponenti, l-intimat Oswald J. Spiteri u huhom Martin li miet fl-14 ta' Marzu 2014, huma diretturi u azzjonisti f' sehem indaqs u ilhom jiggestixxu l-kumpanija Joseph F. Spiteri & Co. [1927] Ltd. ta' 121, Triq ix-Xatt, Pieta' ghal bosta snin.

Illi appena l-intimat sar jaf li huh Martin Spiteri miet fl-14 ta' Marzu 2014, huwa unilateralment u minghajr l-ebda awtorita' jew kunsens tar-rikorrenti u/jew tal-eredi tal-mejjet Martin Spiteri, qabad u unilateralment, b'mod vjolenti u klandestin, bidel il-knatazz tal-fond 121, Triq Marina, Pieta' liema fond huwa dak minfejn is-socjeta' msemmija tiggestixxi n-negozju kollu taghha.

Illi l-imsemmi fond qieghed ukoll f'isem ir-rikorrenti [Dok. A].

Illi ghalkemm ir-rikorrenti sejjah lill-intimat [Dok. B] sabiex jew jaghtih kopja tac-cwievet tal-knatazz il-godda jew jirriprestina kollox ghall-istat li kien qabel, l-intimat baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk l-intimat bl-agir illegali tieghu kkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onor. Qorti:

1. Tiddikjara illi l-intimat ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti;

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex jew jaghti lir-rikorrenti kopja tac-cwievet tal-knatazz il-godda jew jirriprestina kollox ghall-istat li kien qabel u dan fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-Onor. Qorti; u

3. Fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti sabiex, ghas-spejjez tal-intimat ibiddel il-knatazz li hemm llum b'ohrajn u b'hekk ikun jista' jaccedi ghal-fond Joseph F. Spiteri & Co. [1927] Ltd. ta' 121, Triq Marina, Pieta', kif kien jaghmel qabel ma gie kommess l-ispoll.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta’ Mejju 2014.

Rat li permezz ta' rikors ipprezentat fis-27 ta' Marzu 2014 ir-rikorrenti talab il-korrezzjoni tar-rikors guramentat billi r-rikors promotur ma kienx jinkludi l-avviz rikjest mill-artikolu 156(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u talab ukoll korrezzjoni fin-numru tal-Karta tal-Identita' tal-intimat.

Rat id-Digriet taghha tat-3 ta' April 2014 fejn laqghet it-talba billi l-proceduri ghadhom fil-fazi inizjali u r-rikors originali ghadu ma harigx ghan-notifika.

Rat li l-intimat gie notifikat bl-avviz ghas-smigh u bir-rikors guramentat fis-16 ta’ April 2016 kif jidher *a tergo* 19 tal-process, u baqa’ ma pprezentax risposta.

Rat n-nota pprezentata mir-rikorrent fl-14 ta' April 2014 fejn ceda l-kawza stante li l-intimat rega' irripristina l-access tas-socjeta' Joseph F. Sptieri & Co.(1927) Ltd, f'121, Triq Marina, Pieta, ghall-istat li kien qabel ma kkommetta l-ispoll bir-rizultat illi l-esponenti issa rega' ghandu access ghall-fond in kwistjoni.

Rat li bl-istess nota, l-attur zamm ferm id-dritt tieghu biex jithallas l-ispejjez tal-kawza .

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Mejju 2014 fejn din il-Qorti rat in-nota ta' cessjoni imsemmija u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza u iddifferiet il-kawza ghat-trattazzjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez ghall-10 ta' Lulju 2014.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Frank Cassar ghall-attur, li prezenta nota b'dokument b'ittra tal-21 ta' Marzu 2014 mibghuta minn Dr Keith Borg, fejn irrileva li mill-kontenut ghandu jirrizulta li l-intimat ghandu jbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti nnotat li l-intimat huwa kontumaci u qed thalli l-kawza ghall-15 ta' Lulju 2014 ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez tal-kawza li giet intavolata mir-rikorrent wara li l-intimat allegatament ikkommetta spoll vjolenti u klandestin billi biddel il-katnazz fuq il-fond 121, Triq Marina, Pieta, liema fond hu dak minfejn is-socjeta' Joseph F. Spiteri & Co. (1927) Ltd tiggestixxi n-negozju taghha.

Ikkonsidrat li l-kontendenti huma azzjonisti u diretturi f'din is-socjeta'.

Jirrizulta li l-kontendenti ittransigew il-pendenzi taghhom dwar ir-rikors fil-mori u r-rikorrent gie ripristinat fl-access ghall-fond imsemmi.

Fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2014, id-difensur tar-rikorrent esebixxa kopja ta' ittra mibghuta mid-difensur tal-intimat datata l-21 ta' Marzu 2014 fejn r-rikorrent gie mgharraf li "*kull access ghall-fond gewwa l-Pieta gie ripristinat, ghandek tkun taf li l-azzjonijiet tal-mittenti kienu biss prekawzjonari wara l-mewt ta' hukom Mario....*"

Rat li jirrizulta minn din l-ittra li l-intimat jammetti li zamm lir-rikorrent milli jaccedi ghall-fond in mertu .

Ikkonsidrat li kien ikun ghaqli, specjalment minhabba l-parentela stretta bejn il-kontendenti u c-cirkostanza tal-mewt ta' huhom, li kieku waslu

ghall-ftehim li kien ikopri l-kap tal-ispejjez. Jista' jkun li l-attur kien wisq herqan biex jadixxi lil din il-Qorti bil-proceduri odjerni izda minn naha l-ohra, kawza ta' spoll hija procedura li fin-natura taghha stess, tindirizza sitwazzjonijiet urgenti bil-ghan li l-att illegali jigi rimoss jew rimedjat minnufih.

Din il-Qorti ghalhekk tqies li kienet l-azzjoni unilaterali tal-intimat li tat lok ghal dawn il-proceduri. Dan l-agir kien illegali u abbuziv u l-intimat ghandu ibaghti l-ispejjez konsegwenzjali.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------